

**Emenda 138****Keith Taylor**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport****Knut Fleckenstein****A8-0023/2016**

Aċċess għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet  
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

**Proposta għal regolament****Premessa 1a (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

**(1a) Il-Kummissjoni għandha tipproponi sa mhux aktar tard mill-2019, kunċett Trans-Ewropew fl-"awtostradi tal-baħar" (ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> u r-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>) li jsaħħaħ il-portijiet f'reġjuni transkonfinali, bħal fil-Mediterran, fil-Baħar l-Iswed, fl-oċean Atlantiku u fil-baħar Baltiku, sabiex jipprovdi servizzi portwarji eqreb lejn it-tluq jew id-destinazzjoni finali tal-flussi tat-trasport u għalhekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis u l-evitar ta' trasport fuq l-art inqas sostenibbli.**

<sup>1</sup> *Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).*

<sup>2</sup> *Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti*

*(KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010,  
Test b'rilevanza għall-EEA (ĠU L 348,  
20.12.2013, p.129).*

Or. en

2.3.2016

A8-0023/139

**Emenda 139**

**Keith Taylor**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**A8-0023/2016**

**Knut Fleckenstein**

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet  
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) qafas ċar **għal aċċess għas-suq** tas-servizzi portwarji;

(a) qafas ċar **għall-organizzazzjoni tas-servizzi portwarji, inkluż ir-rikonossiment tal-importanza ta' standards għoljin tas-sikurezza, dawk ambjentali u tax-xogħol u d-djalogu soċjali fl-industrija** tas-servizzi portwarji;

Or. en

2.3.2016

A8-0023/140

**Emenda 140**

**Keith Taylor**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**A8-0023/2016**

**Knut Fleckenstein**

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet  
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(a) bunkering*

*imħassar*

Or. en

2.3.2016

A8-0023/141

**Emenda 141**

**Keith Taylor**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**A8-0023/2016**

**Knut Fleckenstein**

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet  
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(d) irmiġġ;*

*imħassar*

Or. en

2.3.2016

A8-0023/142

**Emenda 142**

**Keith Taylor**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**Knut Fleckenstein**

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet  
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

**A8-0023/2016**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet marittimi kollha tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, kif *definiti* fl-Anness *I* tar-Regolament *XXX [ir-regolament dwar il-Linji Gwida tat-TEN-T]*.

*Emenda*

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-portijiet marittimi kollha tan-netwerk *bażiku* trans-Ewropew tat-trasport, kif *elenkati* fl-Anness *II* tar-Regolament (UE) *Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> *Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).*

Or. en

2.3.2016

A8-0023/143

**Emenda 143**

**Keith Taylor**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**Knut Fleckenstein**

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet  
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

**A8-0023/2016**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tnedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju **skont l-Artikolu 7** jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9.

*Emenda*

6. Fil-każ ta' interruzzjoni tas-servizzi portwarji li għalihom huma imposti obbligi ta' servizz pubbliku jew meta jkun hemm riskju immedjat ta' sitwazzjoni bħal din, l-awtorità kompetenti tista' tieħu miżura ta' emerġenza. Il-miżura ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotja diretta sabiex is-servizz jiġi attribwit lil fornitur differenti għal perjodu li jasal sa sena. Matul dak il-perjodu ta' żmien, l-awtorità kompetenti għandha jew tnedi proċedura ġdida biex tagħżel fornitur ta' servizz portwarju jew inkella għandha tapplika l-Artikolu 9. ***L-eżerċizzju ta' negozjar kollettiv jew drittijiet ta' azzjoni industrijali leġittimi, inkluż id-dritt għal strajk m'għandhomx jitqiesu bħala tfixkil tas-servizzi portwarji li għalihom jistgħu jittieħdu miżuri ta' emerġenza.***

Or. en

2.3.2016

A8-0023/144

**Emenda 144**

**Keith Taylor**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**Knut Fleckenstein**

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet  
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

**A8-0023/2016**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija **u** ta' passiġġieri.

*Emenda*

Dan il-Kapitolu u d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Artikolu 24 m'għandhomx japplikaw għal servizzi ta' tagħbija u ħatt ta' merkanzija, **servizzi** ta' passiġġieri **u rmonk**.

Or. en



2.3.2016

A8-0023/145

**Emenda 145**

**Keith Taylor**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport**

**Knut Fleckenstein**

Access għas-suq ta' servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet  
COM(2013)0296 – C7-0144/2013 – 2013/0157(COD)

**A8-0023/2016**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont il-prattiki kummerċjali *relatati* mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom ikunu rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u b'rispett għar-regoli tal-kompetizzjoni. Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini.

*Emenda*

4. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, in-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont *l-istrateġija ekonomika*, il-prattiki kummerċjali *u l-politika tal-ippjanar tat-territorju tal-portijiet. Dawn in-nollijiet jistgħu jvarjaw b'rabta* mal-utenti regolari, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, it-tbaħħir fuq distanza qasira jew prestazzjoni ambjentali għolja, effiċjenza enerġetika jew effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport. Il-kriterji applikati għal varjazzjoni bħal din għandhom *iqisu l-ispejjeż esterni*, ikunu rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u b'rispett għar-regoli tal-kompetizzjoni. Il-varjazzjoni li tirriżulta għandha tkun disponibbli b'mod partikolari għall-utenti tas-servizzi portwarji kollha rilevanti bl-istess termini *mhux diskriminatorji*.

Or. en